MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru 115/2003

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Philip Ablett, iben david, imwieled Floriana fid-29 ta' Novembru, 1952

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Ottubru, 2002 u fix0xhur ta' wara b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi:
a. talli approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu, taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa lura jew li jsir minnha użu speċifikat u cioe'

ta ‘decoder’ li hu propjeta’ tal-Melita Cable Television lill-terża persuna li ma kelliex jedd fuqu;

b. talli bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b’atti esterni u li ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipenddenti mill-volonta’ tiegħu, ittanta jibni jagħmel, jipposjedi, ibiegħ jew jixtri apparat li bih tkun tista’ tikkonetti kkontra l-liġi ma sistema ta’ telekomunikazzjoni;

c. talli rrenda ruħu kompliċi billi ta istruzzjonijiet sabiex isir delitt lill-terża persuna sabiex iqatta, jkisser, jagħmel ħsara, ineħħi, ibagħbas jew jikkonetti ma xi parti ta’ apparat, duct, arblu, cabinet, cable jew oġġett jew ħaġa li tkun, li jagħmlu sehem jew li jintużaw sabiex iservu fin-network tal-cable television jew fit-tħaddim tagħhom jew għall-għoti tas-servizz tal-cable television, kif ukoll ittanta jikkometti serq ta’ servizz tal-cable television għad-dannu tal-Melita Cable Television, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz;

d. talli bil-ħsieb li jinstalla jew iħaddem sistema ta’installazzjoni jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet mingħajr awtorizzazzjoni taħt u skont xi dispozizzjoni tal-kapitolu 399 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll ittanta juża sistema jew apparat tat-telekomunikazzjoni provdut minn provvditur awtorizzat għal xi għan li ma jkkunx dak li għalih ġie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nħarġu minn provditur awtorizzat għall-użu tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew tagħmir jew għamel użu minnha mhux sew.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta’ Ottubru, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

fl-artikoli 18, 293, 310, 41, 298A, 42 263, 264, 326(1)(g), 391(a), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Ottubru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikioli 18, 293, 310, 41, 298A, 42 263, 264, 326(1)(g), 391(a), 31, 20 u 23 tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.  Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ mija u sittin euro (€160) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------